

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2018 – Melin vs Il-Parlament****(Kawża T-726/18)**

(2019/C 65/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Joëlle Melin (Aubagne, Franza) (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli l-eċċezzjoni ta' illegalità u, konsegwentement, tiddikjara illegali l-Artikoli 33 u 68 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew;
- tikkonstata n-nuqqas ta' bażi legali tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018;

Fuq ir-rikors prinċipali:

- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2018, innotifikata permezz tal-ittra Nru D316037 tal-10 ta' Ottubru 2018, meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 68 tad-Deċiżjoni 2009/C 159/01 tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 “dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew” li tikkonstata dejn fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' EUR 130 339,35 fuq il-bażi ta' ammonti indebitament imħallsa fil-kuntest tal-assistenza parlamentari u li timmotiva l-irkupru tiegħu;
- tannulla n-nota ta' debitu Nru 2018-1597 li tinforma lir-rikorrenti li ġie kkonstatat dejn fil-konfront tagħha skont id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018, “irkupru ta' somom indebitament imħallsa fuq il-bażi tal-assistenza parlamentari, skont l-Artikolu 68 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Artikoli 78 sa 79 tar-Regolament Finanzjarju”;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità għal ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi bl-Artikoli 33 u 68 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew adottati permezz tad-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 tal-Bureau tal-Parlament Ewropew, minħabba b'mod partikolari l-assenza ta' ċarezza u ta' preċiżjoni ta' għom.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-reqwiziti formali, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tippermetti għarfien preċiż tal-motivi għal rifjut ta' ammissibbiltà tad-dokumenti prodotti kif previst tax-xogħol imwettaq. Għaldaqstant, id-deċiżjoni ma hijiex immotivata, bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li jstabbilixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, peress li din tal-aħħar ma kellhiex smiġh orali mis-Segretarju Ġenerali iżda nstemgħet biss permezz ta' proċedura bil-miktub.